**4 ta' Diċembru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Raymond Calleja *et noe*

*versus*

Joseph Abdilla *et*

**Mandat ta' Inibizzjoni – Garanzija – Kompetenza**

*Il-Qorti li toħroġ mandat takkwista kompetenza ta' attrazzjoni għal kull kawża li hija direttament konsegwenza ta' dak il-mandat.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

**Iċ-ċitazzjoni.**

Il-kumpanija attriċi pprezentat ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn irriferiet għall-Mandat ta' Inibizzjoni li kienu ottenew il-konvenuti li permezz tiegħu hija ġiet inibita milli tkompli b'xogħlijiet li kienet intraprendiet fil-fond 84, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, u talbet li in applikazzjoni ta' l-artikolu 538 tal-Kodiċi Ċivili l-konvenuti jiġu obbligati li jagħtu garanzija idonea biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess kumpanija tista' ssofri, konsegwenti għall-waqfien tax-xogħlijiet li ottenew l-istess konvenuti;

**L-eċċezzjoni.**

Preliminarjament, u qabel eċċezzjonijiet oħra, il-konvenuti opponew il-kompetenza ta' dik il-Qorti, peress illi l-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi kien inħareġ mill-Qorti tal-Kummerċ;

**Is-sentenza.**

Fis-27 ta' Ottubru 1992, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza, u fost ħwejjeġ oħra qalet:

"Illi minn eżami ta' l-artikolu 538 tal-Kodiċi Ċivili, invokat mill-atturi *nomine*, jirriżulta ċar illi l-garanzija illi qed jitolbu l-istess atturi *nomine* tista' tingħata biss mill-Qorti illi tkun ordnat illi żżomm...xogħol ġdid milli jitkompla...";

Fil-każ odjern mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-ordni biex tinżamm it-tkomplija tax-xogħol imsemmi fl-att ta' ċitazzjoni

saret mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit;

Illi, għalhekk, il-garanzija mitluba mill-atturi *nomine* b'din iċ-ċitazzjoni tista' tingħata biss – jekk qatt – mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, u, għalhekk ukoll, din il-Qorti mhix kompetenti milli tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna;

Din il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod ma hija qed tippronunzja ruħha dwar jekk il-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi jammontawx għal "kawża" illi dwarha jitkellem l-artikolu 538 tal-Kodiċi Ċivili";

**Il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.**

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti ta' l-ewwel grad, forsi mhux tant għar-raġuni msemmija fis-sentenza, imma aktar b'analoġija mal-kompetenza ta' attrazzjoni li jistabbilixxi l-artikolu 37 Kap. 12: –

"Il-Qorti tal-Kummerċ tiddeċidi wkoll il-kwistjonijiet kollha li jinqalgħu dwar l-esekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minnha fuq il-mertu, jew wara mandati, meta terza persuna li jkollha l-interess biss ta' xorta ċivili, tattakka, minħabba dak l-interess, l-esekuzzjoni tas-sentenza jew tal-mandat";

Hawnhekk mhux qed jiġi attakkat il-Mandat ta' Inibizzjoni jew l-esekuzzjoni tiegħu, naturalment, però din il-Qorti jidhrilha li huwa konformi mar-*"ratio"* ta' dan l-artikolu li l-Qorti li toħroġ mandat takkwista kompetenza ta' attrazzjoni għal kull kawża li hija direttament konsegwenza ta' dak il-mandat. U dan

għaliex, raġonevolment, dik il-Qorti, la ħarġet il-mandat, hija l-aktar Qorti adatta biex tkompli tittratta kull kwistjoni li toħroġ minn dik l-emissjoni. U dan ikun organiżattivament ukoll korrett għall-aħjar funzjonament ta' dawn il-qrati;

**Dispositiv.**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda definittivament tiddeċidi li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ hija l-Qorti kompetenti biex tkompli tisma' u tiddeċidi din il-kawża – u l-Aġent Reġistratur, fiż-żmien stipulat mil-liġi, għandu jibgħat l-atti ta' din il-kawża lil dik il-Qorti.